**KUNSILL LOKALI TAL-MUNXAR**
Triq Il-Profs Ġużè' Aquilina
Il-Munxar MXR1012
**-----------------------------------------**
**KUMITAT AMMINISTRATTIV IX-XLENDI**

**1.00 Laqgħa Numru KA/6-2011(02_08_2011).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar it-Tlieta, 2 t' Awwissu 2011, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Munxar.

1.02 Il-Kumitat iltaqa' fis-6.00 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Godwin Azzopardi - *Chairperson*.
Is-Sur Mark Anthony Busuttil - *Viċi-Chairperson.*
Is-Sur Michele Fenech Adami - Membru.

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Skużati kien hemm is-Sur Vincent Borg – Membru u s-Sinjorina Joselle Buttigieg - Membru.

1.04 Il-Kumitat segwa l-Aġenda li ntbagħtet fit-23 ta' Lulju 2011.

1. Approvazzjoni tal-Minuti.
2. Is-Servizzi ta' Perit.
3. Attivitajiet għas-sajf fix-Xlendi.
4. Memo 55-2011 Proġett mill-Kumitat Amministrattiv.
5. Il-*Boatyard* tax-Xlendi.
6. Rapport taċ-*Chairperson*.
7. Rapport tas-Sindku.
8. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
9. Mistoqsijiet mill-membri.
10. Materji oħra.

1.05 Ġew approvati l-Minuti tal-laqgħa KA/5-2011(25_06_2011).

**2.00 Is-Servizzi ta' Perit.**

2.01 Iċ-*Chairperson* informa lill-Kumitat li l-Perit John Saliba baqa' ma għamilx ix-xogħol mitlub. Issa wara li domna nistennew ħafna, l-Perit Saliba informana li ma għandux ħin jaħdem fuq xogħol tal-Kumitat ħlief fuq il-passaġġ ta' l-Għar ta' Karolina u ser jagħtina s-*survey* ta' Triq il-Kantra. Ġie deċiż li preżentament naħdmu mal-Perit William Lewis sakemm noħorġu *call* ġdida għal Perit.

**3.00 Attivitajiet għas-sajf fix-Xlendi.**

3.01 Fix-xahar ta' Lulju l-Kumitat Amministrattiv organizza l-Fjakkolata u wiri ta' *film*. Dawn iż-żewġ attivitajiet kienu suċċess.

**4.00 Memo 55-2011 Proġett mill-Kumitat Amministrattiv.**

4.01 Iċ-*Chairperson* issuġġerixxa li l-Kumitat japplika sabiex isir passaġġ pedonali matul Triq San Xmun, Ix-Xlendi. Għalkemm l-istima tal-proġett hija ta' €90,000 u dan il-fond jasal sa massimu ta' €20,000 il-Kumitat ser japplika u l-bqija tal-fondi jinġiebu minn skemi oħra fil-futur.

**5.00 Il-*Boatyard* tax-Xlendi.**

5.01 Minn dejjem kienet ix-xewqa tal-Kunsill u issa tal-Kumitat Amministrattiv li l-*Boatyard* tiġi organizzata. Saru ħafna tentattivi iżda kien kollu għalxejn. Dan l-aħħar sar xi rapport lill-Pulizija f' Malta u l-Ispettur Tabone talab laqgħa mas-Sindku u ċ-*Chairperson* rigward din il-materja. Il-Pulizija qed tagħmel stħarriġ sabiex jiġi stabbilit min hija l-entita' responsabbli minn din il-*Boatyard*. 'Il quddiem il-Kumitat ser jagħmel *bye-law* sabiex kull min iħalli opri tal-baħar isir skont kif indikat mill-Kumitat.

**6.00 Rapport taċ-*Chairperson*.**

6.01 Iċ-*Chairperson* semma l-problema ta' *plots* vojta u mhux mibnija. Reġa' ssemma l-ilment dwar dik il-*plot* ta' viċin il-Ħanut Bengees peress li għalkemm is-Sid ġie informat, dan la naddaf u lanqas ma bena l-ħajt. Għaldaqstant il-Kumitat ser jinforma lill-persuna li għamlet l-ilment li ser tiġi informata l-MEPA dwar dan il-każ.

6.02 Iċ-*Chairperson* informa lill-Kumitat li bħalissa għaddej *maintenance* ta' żebgħa u ttranġaw xi tabelli u sinjali ma' l-art. Peress li mietu tliet pjanti tal-*pots*, dawn ser jerġgħu jitħawwlu. Ser jitpoġġew pjanti fil-*pots* li hemm fuq iċ-ċint tal-*Boatyard*. Saru tankijiet taż-żibel *extra* u ġie ordnat id-dwal għal Għar ta' Karolina.

**7.00 Rapport tas-Sindku.**

7.01 Is-Sindku rrapporta dwar ix-xogħlijiet li saru fix-Xlendi kif ukoll dawk ippjanati li jsiru.

**8.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

8.01 Is-Segretarju Eżekuttiv qara ittra li rċieva mingħand ir-Rettur tal-Knisja tax-Xlendi. Huwa qed jitlob l-għajnuna u l-kollaborazzjoni mingħand il-membri tal-Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi. Għaldaqstant f' isem il-Kumitati tal-Knisja u dak tal-Logħob tal-Baħar talab sabiex tiġi kkunsidrata t-talba tagħhom għal diversi għajnuniet b' konnessjoni mal-Festa tax-Xlendi:

1. Illuminazzjoni ta' Triq San Xmun, il-Pjazza u l-inħawi ta' madwar l-Istatwa ta' Sant' Indrija.

2. Il-Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi jipprovdi minn fejn jieħdu d-dawl elettriku għal xi serati ta' kant u marċi li ser isiru filgħaxijiet tal-ġimgħa tal-Festa fil-Pjazza. Huma diġa' talbu palk biex jiġi armat fil-Pjazza mid-Dipartiment tal-Kultura.

3. Fi snin li għaddew kienu jtellgħu tliet varjetajiet ta' kant u divertiment fit-tlett ijiem ta' Tridu filgħaxija. Din is-sena għad għandhom waħda biss, il-Ħamis, 1 ta' Settembru 2011 mit-tfal ta' l-Oratorju Don Bosco. Jekk hu possibbli l-Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi jgħin finanzjarjament biex ikun hemm żewġ serati oħra, l-Erbgħa, 31 t' Awwissu 2011 u l-Ġimgħa, 2 ta' Settembru 2011.

4. Is-Sibt, 3 ta' Settembru 2011 bil-lejl (lejlet il-Festa) ser ikun hemm il-Banda, iżda għadhom fit-trattattivi magħmula, marċi mat-toroq jew programm fuq il-palk fil-Pjazza.

5. Il-Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi ġie mistieden biex jieħu sehem fil-Logħob tal-Baħar u l-Ġostra, li huma jorganizzaw kull sena. Dwar dan jixtiequ li:

   a. Il-Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi jgħidilhom minn qabel bil-miktub kemm ser tkun id-donazzjoni finanzjarja tiegħu u jkun ħafna aħjar jekk iċ-*cheque* jasal qabel il-Festa.

   b. Il-Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi jħeġġeġ lill-adoloxxenti biex jitħajjru jieħdu sehem aktar numerużi fil-Ġostra. Is-sena l-oħra kien hemm biss erba' żgħażagħ li ħadu sehem.

6. Il-Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi jekk ser jorganizza xi attivitajiet oħra b' rabta mal-Festa, jkellem lir-Rettur minn qabel biex kollox isir bi ftehim u l-attivitajiet tal-Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi wkoll ikunu jistgħu jissemmew fil-Programm tal-Festa.

7. Il-membri kollha tal-Kumitat Amministrattiv tax-Xlendi jattendu fil-Knisja u jkunu minn ta' l-ewwel bil-preżenza tagħhom għall-Funzjonijiet tal-Festa, l-aktar il-Pontifikal ta' l-Isqof.

Il-Kumitat iddiskuta l-punti kollha mqajjma fl-ittra u ġie deċiż li:

1. Il-Kumitat ma jaħsibx li jista' jgħin. L-istatwa ta' Sant' Indrija ser tkun imżejjna b' *architectural lights* u jekk ma jkunx lest inżejjnu bix-xemgħa.

2. Ġie approvat li jieħu dawl mill-kamra tal-*Winch* għas-Serata u għall-armar tat-toroq jista' jieħu dawl elettriku mill-Mitħna Sotterranja u mill-*Kiosk* ta' Pjazza l-Anfori.
   Il-Kumitat ser jiġbed l-attenzjoni tar-Rettur li qed jirċievi diversi ilmenti rigward daqq ta' Banda amplifikat minn fuq iz-Zuntier tal-Knisja.

3. Il-Kumitat ma jistax jgħin finanzjarjament. Il-Kumitat qed jikkonsidra li jorganizza hu f' dak iż-żmien. Fil-25 t' Awwissu 2011 ser jintwera *film* u lejlet u nhar il-Festa ser norganizzaw il-Fjakkolata.

4. Il-Kumitat ma jindaħalx dwar din il-materja.

5. Donazzjonijiet finanzjarji ma nagħtux. Il-Ġostra tiġi organizzata flimkien bil-kundizzjonijiet li tistipola l-liġi fuq attivitajiet li jorganizza l-Kumitat. Nitolbu lista ta' spejjeż li hemm abbinati ma' dan il-logħob. Iċ-*Chairperson* ser jikkonsulta mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar jekk huwiex possibbli li fondi għall-attivitajiet jiġu trasferiti għall-Ġostra.

6. Il-Kumitat ser jorganizza l-Fjakkolata lejlet u nhar il-Festa u ser juri *film* fil-25 t' Awwissu 2011.

7. Il-Kumitat jirringrazzja lir-Rettur ta' l-invit.

8.02 Il-Kumpanija li tiġbor l-iskart domestiku, l-KIP Għawdex Ltd. qed tistaqsi jekk il-Kumitat iridx li jsir ġbir ta' skart fil-Festa ta' Santa Marija. Il-Kumitat irid li l-ġbir ta' skart jibqa' jsir l-istess.

8.03 Il-Kumitat irċieva ittra mingħand resident ta' Triq Sant' Indrija, Ix-Xlendi. Huwa qed jitlob sabiex *double yellow lines* li hemm quddiem ir-rixtellu tal-ġnien tiegħu jitneħħew u b' hekk kemm hu kif ukoll il-pubbliku jkunu jistgħu jipparkjaw quddiem ir-rixtellu tal-ġnien tiegħu. Is-Sindku kien ser imur fuq il-post u jara jekk din it-talba tistax tiġi milqugħa.

8.04 Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali nieda l-Iskema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2012. Din hija skema li ser tagħti għajnuna lill-Kumitati Amministrattivi sabiex jorganizzaw attivitajiet fil-lokalita'.
Iċ-*Chairperson* issuġġerixxa li l-Kumitat jorganizza Festival tal-Bizzilla u jsir madwar l-istatwa ta' Sant' Indrija. Dan il-Festival jista' jsir fil-ġimgħa ta' l-Għid jew fl-ewwel ġimgħa ta' Settembru 2012.

8.05 Is-Segretarju Eżekuttiv irċieva dawn l-istimi:

- *Survey* sabiex isir il-passaġġ pedonali fi Triq San Xmun - €619.50 (Matsurv).
- Isiru, jitqassmu, jinxtelgħu u jinġabru mitt fjakkola fix-Xlendi - €100 (Munxar Falcons FC).
- Jintramaw dwal mal-palm fi Trejqet il-Madonna tal-Karmnu. Xogħol biex jitwaħħlu u jiżżarmaw festuni tad-dawl - €200 (Munxar Falcons FC).
- Dwal għall-istatwa ta' Sant' Indrija u l-Għar ta' Karolina - €299.14 (Electra).
- *Big Screen* u *Sound* għall-wiri ta' *film* - €380 (2 cee media group).

**9.00 Mistoqsijiet mill-membri.**

9.01 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-membri.

**10.00 Materji oħra.**

10.01 Ma kienx hemm materji oħra x' jiġu diskussi.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.30 ta' filgħaxija u ġie deċiż li dwar laqgħa oħra jiġi miftiehem aktar 'il quddiem.

**Godwin Azzopardi**
***Chairperson.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***